# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 17 ta' Mejju 2017

**Kawża Nru: 13**

**Rikors Ġuramentat Nru: 669 / 13 JA**

**Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi**

**-vs-**

**Pawla Debono**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fl-10 ta' Lulju 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-Kunsill Lokali rikorrenti kien fil-pussess u jamministraw Triq il-Poeżija u Triq il-Lydda ġewwa Ħal Qormi, liema toroq jinsabu fil-konfini tal-lokalita' ta' Ħal Qormi, hekk kif jidher fis-*site plan* anness bhala Dok 'KL01'.

Illi it-triq hija ffurmata bit-*tarmac*, kienet regolarment tintuża minn sewwieqa u *pedestrians* u hija triq skedata minn Transport Malta, bil-ħsieb li fil-futur tiġi tinfed mal-parti l-oħra tat-Triq il-Poeżija.

Illi l-konvenuta għamlet kostruzzjoni fi Triq il-Poeżija kantuniera ma' Triq Lydda ossija fejn Triq il-Lydda tingħaqad ma' Triq il-Poeżija, liema kostruzzjoni saret mingħajr il-permess ta' awtorita' kompetenti u bi ksur ta' liġi.

Illi riżultat ta' din il-kostuzzjoni ġiet imblokkata parti minn triq pubblika li hija amministrata u mantenuta mill-Kunsill mittenti bil-konsegwenza li l-Kunsill Lokali mittenti ġie spollat mill-pussess tiegħu *oltre* li ġie mfixxkel milli jwettaq id-dmirijiet tiegħu stabbiliti mil-liġi f'dik il-parti tat-triq.

Illi dan l-aġir mhux biss huwa dannu għas-soċjeta' ta' Ħal Qormi in ġenerali iżda wkoll jikkonstitwixxi spoll vjolenti kontra l-istess Kunsill Lokali rikorrenti u jagħti lok għal-eżerċizzju tal-azzjoni ta' spoll privileġġjat.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti għad-dannu tal-Kunsill Lokali rikorrenti meta forzożament, klandestinament u mingħajr il-kunsens meħtieġ għamlet kostruzzjoni fi Triq il-Lydda u / jew Triq il-Poeżija ossija fejn Triq il-Lydda tingħaqad ma' Triq il-Poeżija, u konsegwentement spussessaw lill-istess Kunsill Lokali rikorrenti u pprivaw lill-istess Kunsill Lokali rikorrenti minn kull aċċess għall-istess triq.

2. Konsegwentment tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju tagħti lura l-pussess ta' din it-triq in

kwistjoni u b'mod illi kollox jinġieb lura fi stat prestin u taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.

3. Tawtorizza lill-Kunsill Lokali rikorrent, fin-nuqqas li l-konvenuta ma ssegwix l-ordni tal-Qorti fi żmien lilha ffissat, tagħmel dawk ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex il-Kunsill Lokali attur jieħu lura l-pussess tal-imsemmi fond a spejjeż tal-istess konvenuta u dan taħt is-sorveljanza tal-istess perit nominand.

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimata, li minn issa hija nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta ppreżentata fit-18 ta' Settembru 2013 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan peress illi ma jeżistux ir-rekwiżiti tal-azzjoni ta' spoll u in partikolari l-esponenti ma ħadet ebda pussess jew detenzjoni lir-rikorrenti, u għalhekk ma kkommettiet ebda spoll vjolenti kontra l-istess kunsill lokali.

2. Illi effettivament kien il-kunsill lokali rikorrenti illi arbitrarjamenu, vjolentement u mingħajr ebda dritt legali li daħal fil-proprjeta' tas-soċjeta' ma' Mar-Pierre Estates Limited u ddemolixxa proprjeta' tagħha, u neħħa s-siġar u l-ħamrija li kien hemm fil-proprjeta' ta' Mar-Pierre Estates Ltd kontra l-liġi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher ċar mir-rikors din hija kawża ta' spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuta kkommettiet dan l-ispoll meta għamlet il-kostruzzjoni msemmija fir-rikors promotur. Kif huwa magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – ***possedisse;***

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse***, u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuta f'din il-kawża qed teċċepixxi fis-sustanza li ma jeżistux ir-rekwiżiti tal-azzjoni ta' spoll u li kienu l-atturi illi arbitrarjament daħlu fil-proprjeta' tas-soċjeta' Mar-Pierre Estates Limited u ddemolixxa l-proprjeta' tagħha.

Illi l-attur Kenneth Brincat li kien Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill attur xehed li fuq ordni tagħhom kienu neħħew ċint illi nbena illegalment iżda xi ġranet wara kellhom rapport illi qed jerġa' jinbena. Mar fuq il-postu sab li dan kien minnu u kien hemm il-konvenuta fil-preżenza tal-ħaddiema li kienu qed jerġgħu jibnu ċ-ċint iżda wara li nfetħet il-kawża dan reġa' tneħħa. Kontro-eżaminat qal li huma kienu vverifkaw ma' Transport Malta u dawn qalulhom li ladarba t-triq kienet infetħet għat-traffiku kienet saret pubblika. Qal li l-Kunsill amminstra dawn it-toroq.

Illi l-konvenuta da parti tagħha meta xehdet tista' tgħid ikkonfermat il-kontenut li kienet ħalfet bil-ġurament meta ppreżentat ir-risposta tagħha.

Illi naturalment, għalkemm il-partijiet kważi qatt ma jifhmu dan, f'kawża simili kwistjonijiet ta' proprjeta' huma għal kollox irrelevanti.

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** deċiża mill-Prim Awla fl-4 ta' Frar 1958 ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (**Vol III Sez. 52**).*

Illi kif ġie ritenut fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Kif ukoll ġie ritenut illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna – Appell Ċivili **"Cardona vs Tabone"** deċiż fid-9 ta' Marzu 1992).*

Illi għalhekk il-kwistjoni ta' min huwa l-proprjetarju tal-ambjenti hu rrilevanti f'din il-kawża, salv li dan jiġi verifikat f'azzjoni petitorja jekk ikun il-każ. Il-Qorti ma tħossx li l-atturi ġabu provi biżżejjed biex jikkonvinċuha li kellhom il-pussess neċessarju biex il-Qorti tilqa' t-talba tagħhom iżda l-konvenuta fl-istess ħin *'ex admissis'* biddlet l-istat ta' fatt li kien hemm billi dejquha l-vetturi pparkjati fl-ambjenti li jidhrilha li huma tagħha. Madankollu jidher mid-depożizzjoni tas-segretarju tal-Kunsill li l-ħajt li kienu qed jilmentaw minnu l-atturi issa tneħħa.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.**

**L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi għandhom jinqasmu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** **Mario Debono**
**Imħallef** **Deputat Reġistratur**